# Il-Lunzjata u l-Widien

Kitba ta' Dott. Joseph Borg

Tmur fejn tmur fil-kampanja f'Malta u Għawdex u saħansitra f'Kemmuna, żgur għandek tiltaqa' ma' xi Kappella ddedikata lil xi qaddis/a jew lill-Madonna taħt titli differenti fosthom it-titlu tal-Lunzjata.

Bosta minn dawn il-kappelli jinsabu fil-widien stess jew fuq xifer xi wied. Ta' min isaqsi għaliex l-antenati tagħna ħadu dak ix-xogħol kollu biex jibnuhom hekk 'il bogħod mill-irħula? It-tweġiba tiġi weħedha jekk wieħed iħares sew madwaru. Fil-widien kien hemm l-ilma ġieri, u nixxigħat. Kien hemm ukoll għelieqi għammiela u raba' fond u kenni mill-irjiħat. Fl-widien, ir-raħħal kien isib il-post fejn il-merħla tiegħu tista' tirgħa u tixrob. Fl-imgħoddi l-ilma ġieri fil-widien ma kienx jidher biss wara xi ħalba xita bħalma naraw illum, iżda kien idum għaddej għal bosta xhur wara l-waqfa tal-istaġun tax-xita. Anzi kien hemm widien li kienu jnixxu l-ilma s-sena kollha bħal Wied Riħana u Wied il-Qlejgħa f'Malta u Wied il-Lunzjata f'Għawdex.

Fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja u kien għalhekk li l-bdiewa u r-raħħala, li kienu joqogħdu xi ftit 'il bogħod mir-raħal, flimkien mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, kienu jaħsbu għal ruħhom billi jibnu kappella qrib l-għajxien tagħhom. Mhux il-bdiewa u r-raħħala biss, iżda anke s-sidien nobbli ta' meded t'artijiet u għelieqi bħalma hemm fl-Imtaħleb, kienu wkoll għas-spejjeż tagħhom jibnu xi kappella fuq l-artijiet tagħhom. Dan sabiex il-bdiewa, li kienu jaħdmu r-raba' mqabbla minn dawn is-sidien u li kienu joqogħdu f'irziezet fl-inħawi, kienu jinqdew bil-kappella viċin. Dan kien ikun vantaġġ meta tqis li l-mezzi tat-trasport dak iż-żmien kienu jew ir-riġel jew xi ħmar. Dawn il-kappelli, li jissejħu 'Guspatronat', kienu jġibu magħhom (u għandhom) ċerti doveri li jipprovdu għadd ta' servizzi reliġjużi kif ukoll l-obbligu tal-manteniment tal-kappella stess.

Fi żmien il-Kavallieri din l-użanza żdiedet mhux biss bil-bini ta' aktar kappelli, iżda wkoll ta' rziezet f'inħawi fejn kien hemm raba' għammiela u l-bdiewa diġà servuti minn xi kappella. Eżempji ta' dawn l-irziezet insibuhom f'Binġemma limiti tal-Imġarr u fl-inħawi ta' Bużgrilla qrib il-Fiddien limiti tar-Rabat. Mela dan kollu juri kif il-kappelli marbutin mal-widien kellhom importanza mhux biss reliġjuża iżda soċjali wkoll.

Għalhekk id-devozzjoni lejn il-Madonna tidher kemm kienet qawwija permezz ta' dawn il-monumenti fil-kampanja tagħna. Il-Madonna taħt it-titlu tal-Lunzjata kienet ukoll popolari, tant li nsibu kappelli u meded t'art imsejħin għaliha. L-interċessjoni tal-Lunzjata għall-ħarsien mill-għelt tal-ħajja ta' kuljum tal-bdiewa, l-aktar mill-attakki tal-ħallelin tal-baħar, mill-mard u d-diżgrazzji, kif ukoll biex ikollhom ħsad għammiel, sarrfu f'dawk il-kappelli li llum huma monumenti nazzjonali.

F'Malta għandna l-Lunzjata fil-Għargħur, dik f'Ta' Liemu limiti tar-Rabat, oħra fis-Salini limiti tan-Naxxar u f'Għawdex hemm il-kappella tal-Lunzjata fil-wied li jġib l-istess isem, limiti ta' Kerċem.

Veru li llum rari tara mqar parti biss minn wied li jnixxi l-ilma, imqar f'tarf ir-rebbiegħa. Dan kaġun ta' bosta ġrajjiet, attivitajiet tal-bniedem u t-tkattir tal-poplu ta' dawn il-gżejjer.

Fiż-żminijiet tal-lum, il-widien fis-sajf kważi kollha jinxfu, iżda l-kappelli għadhom hemm xhieda tad-devozzjoni ta' missirijietna. Hu dmir tal-komunità kollha li dawn jiġu ppreservati u mhux jgħibu bħalma l-ilma fil-widien qed jgħib fis-sajf.



**Biblijografija**

1. M. Haslam and J. Borg, *The River Valleys of the Maltese Islands – Environment and Human Impact* (1998)
2. M. Haslam and J. Borg, *Let's go to Wied il-Lunzjata – A field study guide* (2001).